# L-ISTRINA

## ATT SOĊJALI

TA'

GINO MUSCAT-AZZOPARDI

---

*N.B. Hadd ma jista' jaħdem fuq il-palk jew ixandar dan l-Att Soċjali mingħajr is-sensja bil-miktub ta' l-Awtur.*

---

Stampat fid-Dar ta' San Ġużepp—Ħamrun.

*Apprezzament ta' l-awtur mibgħut lill-Kumpannija "RIBALTA" wara l-ewwel rappreżentazzjoni ta' "L-ISTRINA", li saret fir-"Radio City Opera House" fit-12 ta' Marzu, 1948, bħala reċta ta' Beneficenza b'rizq il-"General Workers Union Benevolent Fund".*

——00——

"L-ISTRINA" hija r-raba' produzzjoni tiegħi li l-kumpannija "RIBALTA" għoġobha tirrappreżenta. F'"Dr. PACE" kien hemm min ħabat jeżaġera; fil-"QANPIENA" irvinawlu l-final u kien hemm element skadenti; fil-"FORTRESS ORDERS" kien hemm min ma jafx il-parti tiegħu; fl-"ISTRINA" l-eżekuzzjoni kienet perfetta mill-bidu sa' l-aħħar u saret kif kont noħlomha jiena.

NINETTE Bisazza, PAWLINA Bencini, u l-MAĠISTRAT Ghirlando kienu tajbin ferm, kważi lussu għall-partijiet ċkejkna tagħhom; il-kummiedja kienet impernjata fuq it-tliet PISANIJIET : Bisazza, Bugeja u Azzopardi Preziosi; min kien l-aħjar fosthom jiena ma nafx, naf biss li, għalija, huma ħarġu minn l-isfera ta' dilettanti u daħlu f'dik ta' artisti. Dana ma ngħidux jiena biss iżda jgħiduh ukoll is-silenzju impressjonanti li waqa' fis-sala, l-applawsi *a scena aperta* u l-prosit li qalgħu minn għand kulħadd mhux taħt forma ta' kumpliment bħassoltu iżda, aktarx b'entużjażmu .

Sabiex inkun ġust, iżda, nixtieq ingħid li għalkemm iż-żewġ primatturi rġiel ittrasportaw lill-pubbliku għar-realtà u ġagħluh jibki u jentużjażma ruħu huma kellhom favur tagħhom il-parti li jien ktibtilhom u li rrendithom simpatiċi u erojċi, filwaqt li l-primattriċi għarfet tilħaq l-istess livell artistiku tagħhom b'parti xejn simpatika u xi daqqiet odjuża. Il-paraguni jiena qatt ma ħmilthom, iżda, l-ISTRINA, issir minn għand min issir, ma tistax tkun eżegwita aħjar milli kienet eżegwita; hija appuntu saret kif immaġinajtha jiena.

It-tliet partijiet iż-żgħar kienu tajbin ferm; it-tliet PISANIJIET kienu kbar f'kull kelma, f'kull pawsa u f'kull pass li għamlu.

GINO MUSCAT AZZOPARDI.

# L-ISTRINA

## ATT SOĊJALI

TA'

GINO MUSCAT-AZZOPARDI

---

## JIEHDU SEHEM:

| | |
|---|---|
| L-Avukat ANTON PISANI | 35/40 sena. |
| VIRĠINJA, martu | 30/35 ,, |
| NINETTE, binthom | 5/6 ,, |
| Il-Maġistrat MALLIA | 62 ,, |
| ĠILARDU PISANI | 65/70 ,, |
| PAWLINA, seftura | 20/30 ,, |

IL-LUM: IL-BELT.

---

## IX-XENA TURI:

L-Uffiċċju privat fid-dar ta' l-Avukat PISANI. Bieb fil-fond, fin-nofs li jagħti għal barra; bieb ieħor f'kull lat li jagħti għall-kmamar ta' ġewwa. Skrivanija, bil-kxaxen jinfetħu, poġġuta b'mod li min ikun jikteb fuqha ma jarax lil min jidħol mill-bieb tal-lemin; librerija, vażetti tal-fjuri vojta, tieqa fil-fond tax-xena b'gaġġa b'kanarin ġewwa fiha fuq stand quddiem it-tieqa, eċċ., eċċ.

PAWLINA

*(Tkun tfarfar u tkanta waħedha—wara ftit iċempel il-bieb ta' barra; tmur tiftaħ u, wara ftit, targa' tidħol mal-)*

MAĠISTRAT

*(li għad li xwejjaħ, għadu eleganti ħafna, irpużat fi kliemu u jidher serju għad illi lin-nisa għadu jħobbhom kif kien iħobbhom fiż-żgħużija tiegħu—f'idu, barra l-bastun, għandu kaxxetta tal-kartun b'pupa ta' xi pied u nofs ġewwa fiha)* X'ħin qalulek li għandhom jiġu?

PAWLINA

Ma qaluli xejn, sur Maġistrat... *(tkompli dejjem tfarfar)*.

MAĠISTRAT

Huma ħarġu flimkien?

PAWLINA

Le! L-Avukat ħareġ qabel u s-sinjura marret ma' Ninette biex jixtru l-fjuri.

MAĠISTRAT

Pawlina... int il-fjuri tħobbhom?

PAWLINA

Il-fjuri mhux kulħadd iħobbhom, ingħid jien... Ara: ġa lestejtilha l-važetti bl-ilma...

MAĠISTRAT

Issib kull tant lil xi ħadd li ma jħobbhomx... bħan-nisa, Pawlina, kull tant issib xi raġel li ma jħobbhomx...

PAWLINA

Imma inti tħobbhom, hux, sur Maġistrat?

MAĠISTRAT

Ehhh! Brikkuna... Il-Bambin lin-nisa ħalaqhom għall-imħabba.

PAWLINA

Ma nafx kif qatt ma tħajjart tiżżewweġ, sur Bert.

MAĠISTRAT

U jien issa bdejt nikber... Taf xejn li jien ili diġà kważi sentejn bil-pensjoni? U l-pensjoni ħaġa serja wisq, Pawlina. Minn banda hija ħaġa tajba għaliex tgħix biha mingħajr ma taħdem, iżda mill-banda l-oħra ħaġa ħażina għax donnha twaħħallek il-fidi tal-magħmudija wara dahrek biex kulħadd ikun jaf li inti għalaqt is-sittin...

PAWLINA

Billi? Iżda għadek iġġibhom tajjeb...

MAĠISTRAT

X'igħodd? Imma ħadd ma jitgħabba bija malajr, malajr! Imbagħad biex tkompli tagħqad, binti Virġinja għamlitni nannu...

PAWLINA

Taħseb li kieku trid tiżżewweġ bis-serjetà sejjer ma ssibx min jintriga, hux?

MAĠISTRAT

(*B'intenzjoni*) Pawlina... kieku int tintriga?

PAWLINA

Jien (*tidħak*) U jien ngħodd għalik, sur Maġistrat?

MAĠISTRAT

Għaliex le? Xi kemm-il sena għandek Pawlina?

PAWLINA

Mhux minħabba l-età l-aktar!

MAĠISTRAT

Mela għaliex? Għax jien kont Maġistrat?

PAWLINA

Mur għid lis-sinjura Verġ li l-papà tagħha se jiżżewweġ seftura!

MAĠISTRAT

X'għandu x'jaqsam? Binti ma żżewġetx lil min riedet hija?

PAWLINA

Imma avukat...

MAĠISTRAT

U iva, avukat... ma ngħidx il-kuntrarju... avukat minn Ħal Safi. A propositu: missieru ilu xejn ma jiġi 'l hawn?

PAWLINA

Kumbinazzjoni xi ħames minuti qabel ma ġejt int u qalli li għandu jarġa' jiġi għax ma nafx x'qal li xtara għal Ninette.

MAĠISTRAT

Naturalment ġibilha xi ħaġa strina... anki jien, tafx, ġibtilha l-istrina... Ara x'jidhirlek? (*jiftaħ il-kaxxetta u joħroġ il-pupa*) Ara x'pupa din!

PAWLINA

(*Teħodha f'idejha*) Kemm ser tieħu gost biha! Tiġġennen bil-ferħ...

MAĠISTRAT

Helwa, hux veru?

PAWLINA

Helwa ngħid!

MAĠISTRAT

(*Jipprova jmellsilha ħaddejha*) U int m'intix ħelwa? Int m'intix pupa wkoll?

PAWLINA

Mela la aħna xorta oqgħod bus lil din (*tagħtih il-pupa f'idu*).

MAĠISTRAT

(*Huwa u jqiegħed il-pupa fil-kaxxa*) Ehhh! Brikkuna... (*Jinstama' l-bieb ta' barra jinfetaħ*)

PAWLINA

Naħseb li ġew...

MAĠISTRAT

Tgħidilha xejn lil Ninette ħalli nagħmlilha sorpriża...

VIRĠINJA

(*Tidħol, flimkien ma' Ninette, b'ħafna fjuri f'idejha*) Ara l-papà! Ilek xejn tistenna?

NINETTE

(*Tgħannaq lill-Maġistrat*) Nannu Bert!

MAĠISTRAT

Ninette! Kif inti? (*ibusha*).

VIRĠINJA

Pawlina, inqala' xi ħaġa?

PAWLINA

Le, xejn, sinjura...

VIRĠINJA

Għamilt ilma fil-vażetti?

PAWLINA

Iva, lesti.

VIRĠINJA

Is-sinjur ġie?

PAWLINA

Għadu... jiena kont sejra nkompli l-kamra ta' ġewwa...

VIRĠINJA

Iva, tista' tmur...

PAWLINA

(*Titlaq mil-lemin*).

VIRĠINJA

Kif int, papà? Għadek ma għidtli xejn...

MAĠISTRAT

Jiena ma nistax ingħid li jien ħażin.

VIRĠINJA

U x'ġiebek hawn il-lum? Għax daż-żmien trid tagħmel wegħda biex narawk...

MAĠISTRAT

X'ġiebni? Mela nsejt li jien in-nannu ta' din il-banavolja (*għal Ninette*) Ġibtilha l-istrina!

NINETTE

Fejnha l-istrina Nannu Bert?

MAĠISTRAT

Ekku! (*jagħtiha l-pupa*).

NINETTE

(*Tbus lill-pupa u, kollha ferħ, tmur turiha lil Virġinja*) Ara, mamà... Ara, mamà...

VIRĠINJA

Ihhh! Kemm hija sabiħa!

MAĠISTRAT

Issa ma ħaqqnix bewsa, Ninette?

NINETTE

(*Dejjem imgħannqa mal-pupa, tbus lin-nannu bosta drabi*).

MAĠISTRAT

Brava! U x'sejra ssemmiha?

NINETTE

Mamà x'insemmuha? Hux Thelma?

MAĠISTRAT

Thelma? U dan l-isem mnejn sibtu?

VIRĠINJA

Għax il-pupa ta' Rosie, din ta' quddiemna, jisimha Thelma. Hux veru?

NINETTE

Iva, Thelma, bħal pupa ta' Rosie. (*Tmur fit-tieqa u tibqa' hemm tilgħab bil-pupa*).

MAĠISTRAT

U Anton, kif inhuwa?

VIRĠINJA

(*Tibda tirranġa l-fjuri fil-vażetti*) Tajjeb! Ma tarawx lil xulxin il-Każin?

MAĠISTRAT

Din il-ħabta, ngħidlek is-sewwa, ma tantx qiegħed immur il-każin ta' spiss. Bix-xogħol imħabbat xejn?

VIRĠINJA

Jista' jonqos?

MAĠISTRAT

L-ewwel Pawlina kienet qiegħda tgħidli li ġie missieru u li għandu jarġa' jiġi...

VIRĠINJA

(*Imdejqa*) Ufff... meta jiġi ma jibbastax jinqala' aktar...

MAĠISTRAT

Fortunatament, però, ma tantx jiġi spiss...

VIRĠINJA

Hawn ma għandux għal fejn jiġi... anqas ħaqq min jarah dieħel...

MAĠISTRAT

U int imbagħad... wara kollox Ġilardu, miskin, mhux xi assassin...

VIRĠINJA

M'inhix ingħid li huwa assassin, anzi, il-kuntrarju... idejjaqni narah quddiemi ma jafx igħid kelma...

MAĠISTRAT

Is-suġġestjoni... ma għandniex xi ngħidu, qatt ma għamilha ma' ċerti nies.

VIRĠINJA

Allura jibqa' Hal Safi!

MAĠISTRAT

Imma billi jiġi kultant jara lil ibnu... Wara kollox Anton huwa ibnu...

VIRĠINJA

Ma nafx? Mhux kulħadd jaf? Anton ma jħallih nieqes minn xejn... ma' l-aħħar tax-xahar arah ġej għas-salarju...

MAĠISTRAT

U iva... darba fix-xahar...

VIRĠINJA

Imbagħad meta jiġi? Jew meta jkolli n-nies jew meta nkun se noħroġ; u jiċċappas bil-qiegħda, donnu statwa, ma jaf igħid xejn u ma jinqalax qabel ma tagħtih il-grokk tal-ġnibru...

MAĠISTRAT

(*Bi tbissima*) Mela tista' tferragħlu wieħed għax dal-waqt tarah ma' wiċċek...

VIRĠINJA

Hawnx ta' quddiemna fil-gallarija? (*tagħti daqqa ta' għajn mit-tieqa*) Għax donnu bil-qaddis: kull meta jiġi huwa arahom lesti fil-gallarija jarawh dieħel!

MAĠISTRAT

U din x'fiha?

VIRĠINJA

U x'fiha? Papà, ħadd ma jieħu gost juri lin-nies li missier ir-raġel tiegħek huwa skarpar.

MAĠISTRAT

Binti... l-ewwelnett il-lum Ġilardu ma għadux skarpar u t-tieni billi kien skarpar mhux xi diżunur...

VIRĠINJA

Lanqas hu pjaċir!

MAĠISTRAT

Naf li, miskin, ħadem u stinka u għamel lil ibnu avukat u int iġġennint għalih u żżewwiġtu...

VIRĠINJA

Jiena ma jien ngħid xejn kontra Anton...

MAĠISTRAT

U lanqas għandek għalfejn tgħid kontra missieru.

VIRĠINJA

Jiena qiegħda ngħid xi ħaġa kontra missieru? Iżda Anton imissu jifhem li fil-pożizzjoni tiegħu jmissu jaddatta ruħu għaċ-

ċirkostanzi...

MAĠISTRAT

X'jiġifieri li għandu jistħi jkellem lil Ġilardu għax hu sar avukat u missieru kien skarpar?

VIRĠINJA

Papà, għax qiegħed titkellem hekk? Jidhirlek li l-bniedem għandu jibqa' dejjem fl-istess livell li jkun? Mhux kulħadd ifittex li jitla' 'l fuq kemm jista'?

MAĠISTRAT

U Anton ma telax 'il fuq biżżejjed? Sar avukat ...daħal fl-aħjar soċjetà... maħbub minn kulħadd...

VIRĠINJA

Mhux biżżejjed... Mhux biżżejjed... Inti ma tafx kollox. Bid-darba kultant li tiġi hawnhekk tarana, ma tistax tkun taf kollox...

MAĠISTRAT

S'intendi jien ma nistax inkun naf kollox...

VIRĠINJA

U jiena, biex ma ninkwetakx, qatt ma ridt ingħidlek xejn...

MAĠISTRAT

Virġinja, minn kliemek donnu hemm fin-nofs xi ħaġa serja... Xi ġralkom?

VIRĠINJA

(*Bi tnehida*) Kieku ma kienx għal missier Anton, kieku jien l-aktar mara feliċi li hawn fid-dinja...

MAĠISTRAT

Minn dejjem kont ftit u xejn eżaltata... Mhux għax irrid inżomm ma' żewġek, imma int lil missier Anton kont tafu qabel iżżewwiġtu.

VIRĠINJA

Papà meta tkun għadek xebba fid-dar tiegħek ħaġ'oħra. Ikollok seba' mitt sena sabiex tiżżewweġ lil dak li tkun tħobb; għalik ebda ostakolu ma jkun ħaġa serja... tkun taħseb li l-imħabba sejra tissupera kollox u tagħlaq għajnejk u tidħol, kollok entużjażmu, għal ħajja ġdida... iżda, meta jibda jgħaddi ż-żmien...

MAĠISTRAT

L-iżjed ħaġa naturali...

VIRĠINJA

...meta tibda tikber u ssir omm u tibda taħseb fl-avvenir ta' l-unika tifla li jkollok...

MAĠISTRAT

X'inhuwa jbeżżgħek, insomma? Jiena proprju ma nistax nifhmek...

VIRĠINJA

Minn hawn u ftit ieħor Ninette tibda tmur l-iskola: is-sorijiet jibdew jitħadtu fuqha bejniethom... it-tfal jistaqsu lil xulxin ħafna domandi...

MAĠISTRAT

U x'inti taħseb? Żgur sejrin jitolbuk l-arblu tar-razza ..

VIRĠINJA

(*Kważi b'disperazzjoni*) Papà, emminni, nixtieq li dak ilmument ma jasal qatt...

MAĠISTRAT

Liema mument? Li tibgħat lil Ninette l-iskola?

VIRĠINJA

Li nibgħat lil Ninette l-iskola weħidha; suġġetta għal kull domanda li jistgħu jagħmlulha fuq nannuha... int forsi ma temminnix... taf li meta noħroġ ma' Anton u nara lin-nies iħarsu lejna naħseb li jkunu qegħdin igħidu f'qalbhom: Din insiet min hu missier ir-raġel tagħha?

MAĠISTRAT

Iżda dan tiegħek huwa inkubu! Din fissazzjoni!

VIRĠINJA

Veru... veru... jiena marida... ma nistħix ingħidlek li lanqas ma' Pawlina ma nabbuża ngħolli l-leħen tiegħi bil-biża' li tista' tgħidli xi ħaġa li biha toffendini.

MAĠISTRAT

Iżda jiena qatt ma kont nissopponi li inti wasalt f'dan il-grad ta' eżaġerazzjoni...

VIRĠINJA

Inħossni infeliċi... infeliċi, papà...

MAĠISTRAT

U r-rimedju?

VIRĠINJA

Ma nara ebda rimedju. (*Iċempel il-bieb ta' barra*) Ġie!

NINETTE

(*Li tkun ratu mit-tieqa*) Mamà ġie Ġilardu... ħalli niftaħlu... (*tmur mill-bieb tal-fond biex tiftaħlu*).

MAĠISTRAT

(*Jidħak*) Ġilardu? Tisma' lilek naturalment issejjaħlu hekk, u hija ssejjaħlu bħalek...

VIRĠINJA

Xi tridha ssejjaħlu? Nannu Ġilardu?

MAĠISTRAT

Almenu taf li huwa nannuha bħali?

VIRĠINJA

Mhux żgur...

MAĠISTRAT

Virġinia, jiena ma jidhirlix li Anton jixraqlu dan it-trattament...

VIRĠINJA

Uff! Papà kemm sirt demokratiku! Ma tippretendix li għandi nibda minn issa nħammar wiċċ Ninette, hux?

MAĠISTRAT

Biżżejjed...

ĠILARDU

(*Jidħol kollu ħiemed ma' Ninette—f'idu jkollu pakkett ċkejken*) Bonġornu...

MAĠISTRAT

Bonġornu Ġilard... Kif int?

ĠILARDU

Ara s-sur Maġistrat? Kif int sur Maġistrat?

MAĠISTRAT

Jien mhux ħażin sa barra... Int tidher tajjeb ukoll...

ĠILARDU

(*Ibus is-sema*) Nіżżu-ħajr 'l Alla... Virġinja tidher tajba.

VIRĠINJA

(*Xotta*) Tajba, grazzi.

MAĠISTRAT

U n-nies tar-raħal? Il-Kappillan kif inhuwa?

ĠILARDU

Tajjeb ngħid... għadu jiflaħ daqs gendus... Taf min wasal biex iħallina, sur Maġistrat, naħseb li int tafu: in-Nutar Curmi...

MAĠISTRAT

Iva? Fonsu Curmi? Nafu ngħid; konna s-Siminarju flimkien. U dak mar joqgħod Hal Safi?

ĠILARDU

Le... ġie xi erbat ijiem għall-arja għand oħtu, is-Sinjura Klara...

MAĠISTRAT

U x'għandu?

ĠILARDU

Igħidu li għandu d-Dijobeta, iz-zokkor ngħidulu aħna... (*lil Ninette*) U Nina tagħna kif inhija? Bdiet tmur l-iskola?

VIRĠINJA

Għad. Kif kien ġejt tarana l-lum, Ġilardu?

ĠILARDU

Ma tafx int? Qorbot l-Istrina... Għidt bejni u bejn ruħi: ħalli mmur nara lil Nina tagħna u neħdilha xi ħaġa...

NINETTE

Jiena Ninette mhux Nina.

ĠILARDU

(*lill-oħrajn*) Għax aħna r-raħal dawn l-ismijiet ġodda ma jdurx ilsienna għalihom... Jien bl-Ingliż ma nafx...

NINETTE

(*Turih il-pupa*) Ara n-Nannu Bert kemm ġiebli pupa sabiħa...

ĠILARDU

(*X'aktarx misthi*) B'kumbinazzjoni jien ukoll ġibtlek pupa, imma tiegħi mhiex kbira... (*lill-oħrajn*) Tafu intom : id-dar ċkejkna, iżda l-qalb kbira... (*jagħti lil Ninette il-pupa tiegħu*).

NINETTE

(*Tieħu l-pupa ta' Ġilardu f'idejha, tħares lejha u twaddabha fuq pultruna—turih il-pupa tal-Maġistrat*) Din iżjed sabiħa!

VIRĠINJA

Isa, Ninette... x'għandek tgħidlu?

NINETTE

Grazzi, Ġilardu... iżda jien lil din inħobb.

MAĠISTRAT

(*Wara ftit*) Tfal huma!

ĠILARDU

Ma nafx? Darba, niftakar, meta kont żgħir, kienu ġibuli żugraga ta' bil-lejl u wara ma kontx irrid inħares lejn żgajjar oħra...

VIRĠINJA

(*Biex tibdel id-diskors*) Imbagħad tifla kapriċċuża bħal dik naħseb li ma hawnx oħra...

MAĠISTRAT

Tfal huma! Isma', jiena sejjer inħallikom. Virġinja sellili għal Anton. (*Lit-tifla*)· Ninette, jiena sejjer: ma tagħtinix bewsa?

NINETTE

(*Tbusu ħafna f'daqqa*).

MAĠISTRAT

Brava! Saħħa Ġilard...

ĠILARDU

Saħħa, sur Maġistrat, u li jkollok bżonn serv tiegħek dejjem...

NINETTE

Bye-bye Nannu Bert... Bye-bye...

MAĠISTRAT

Bonġornu... (*jitlaq mill-fond*).

VIRĠINJA

Oqgħod bil-qiegħda, Ġilard...

ĠILARDU

(*Ipoġġi*) Huwa jien dal-waqt immur ukoll. Intant, Anton tiegħi kif inhu? Tajjeb?

VIRĠINJA

Tajjeb...

ĠILARDU

Hekk irridkom. Jekk ma nilħaqx narah, agħtih is-Sena t-tajba u għidlu li Saver bagħat iselli għalih ħafna.

VIRĠINJA

Saver min huwa?

ĠILARDU

Tibżax... Anton jafu... Għidlu Saver tas-Smina, huwa jifhmek; ċjuè, ċjuè kulħadd bagħat iselli għalih, iżda Saver, miskin, għamilli impremura ħafna...

VIRĠINJA

(*Sarkastika*) Forsi dan Saver xi ħabib tal-qalb, hux veru?

ĠILARDU

Ma tafx int? Meta kienu żgħar kienu jgħinu l-Quddies flimkien. Darba, għall-festa, kont għamiltilhom żarbun ta' l-alakka kull wieħed... ma kienx żarbun għalija...

VIRĠINJA

Ġilard, qalbek baqgħet marbuta mas-sengħa li kellek...

ĠILARDU

Ma tafx int? F'dik in-nitfa ta' toqba kienu jiltaqgħu n-nies tar-raħal kollha; kienet saret donnha *gażin*... jien twelidt fiha u għext fiha u lil Anton, għamiltu avukat, tista' tgħid, minn hemm ġewwa... Temmen li meta ngħaddi minn quddiem il-bieb ta' dik il-kamra u narah magħluq, ma nafx xi nħoss ġo qalbi?

VIRĠINJA

Ma tippretendix, nispera li b'ibnek avukat int kellek tibqa' ssewwi ż-żraben tan-nies tar-raħal?

ĠILARDU

X'jiġifiieri? Malli Anton qalli nofs ta' kelma, fajt kollox wara spallejja u willejt kull ma kelli...

VIRĠINJA

Menumali

ĠILARDU

Għalhekk għallimtu: biex nagħmlu raġel u fi xjuħiti jmexxini huwa u, niżżu-ħajr 'l Alla (*ibus is-sema*) ma għandix x'ingerger fuqu.

VIRĠINJA

(*Issejjaħ*) Pawlina! (*lil Ġilardu*) Se ngħidilha tagħmillek qatra ġnibru... (*tarġa' ssejjaħ*) Pawlina!!

ĠILARDU

(*Bi tbissima*) Malta qatt ma rruftat qamħ; il-ġnibru tagħkom wisq aħjar minn dak ta' Sidor tar-raħal tagħna...

PAWLINA

(*Fuq il-bieb*) Sejjaħtli, sinjura?

VIRĠINJA

Pawlina: mur ġewwa u ġib miegħek tazza u l-flixkun tal-Gin...

ĠILARDU

Toqogħdux titħabtu, nista' nidħol ġewwa magħha... toqogħdux taqilgħu...

VIRĠINJA

Tajjeb: Pawlina mur lestilu...

PAWLINA

Iva, sinjura (*titlaq mil-lemin*).

ĠILARDU

Dak Sidor irid jaqla' wisq; kull ma għandu mgħammed u mhux ftit... Biex tieħu grokk tajjeb ikollok tmur il-Każin tal-Banda. Inti ma tkomplix miegħi, Virġinja?

(*jinstama' jinfetaħ il-bieb ta' barra*)

VIRĠINJA

Naħseb li Anton wasal... Le, Ġilard, jiena ma nixrobx dal-ħinijiet.

ĠILARDU

Jiena, ngħid għalija, ma għandix ħinijiet: nixrob kull meta nsib qatra tajba...

ANTON

(*Jidħol bil-coat fuq idu, ineħħi l-kappell u jwaddab kollox fuq siġġu*) Virġinja... Ninette... Ara hawn? Dan x'ġiebek il-lum?

NINETTE

(*Turih il-pupa tal-Maġistrat*) Papà, papà... ara n-nannu Bert kemm ġiebli pupa kbira...

ANTON

Ihhh! Kemm hija sabiħa. Brava ħej! (*lil Virġinja*) Kien hawn il-papà? Kif inhuwa? Ilu ma jiġi l-każin...

VIRĠINJA

Ġie ħames minuti kemm ta lil Ninette dik il-pupa...

ANTON

(*Lil Ġilardu*) Il-Maġistrat ma jinsa lil ħadd u ma jinsa xejn...

ĠILARDU

(*X'aktarx mistħi*) Jien ukoll ġibtilha xi ħaġa strina: b'kumbinazzjoni xtrajtilha pupa wkoll; minn għand Ċensina, dik ta' wara l-Għassa.

ANTON

U dan x'ridtu?

ĠILARDU

Ma tafx int? It-tfal jieħdu pjaċir. Taf min sella għalik ħafna, qabel ma ninsa? Saver tas-*Smina*...

ANTON

Iva? Saver? Sellili għalih. X'inhuwa jagħmel daż-żmien? Għadu midħla tal-knisja?

ĠILARDU

Dan żgur... Issa mhux hu laħaq sagristan? Mhux kollox f'idejh. Talabni nfakkrek f'dak ir-ritratt li kont wegħedthom għall-Gażin tal-Banda...

ANTON

Iva, xi mument irrid insibilhom wieħed.

VIRĠINJA

Ġilard dak il-ġnibru se jisvinta.

ĠILARDU

Iva, bilħaqq... Anton, sejjer inxarrab ftit griżmejja.

NINETTE

Halli nurik fejn jiena...

ĠILARDU

Brava! U l-pupa li ġibtlek ma neħduhiex magħna?

NINETTE

Le... dik mhix sabiħa... jiena din irrid.

ĠILARDU

Kulħadd xortih fid-dinja... (*jidħol fix-xellug ma' Ninette*).

ANTON

(*Wara ftit*) Qagħad jinqala' mir-raħal biex iġibilha l-istrina...

VIRĠINJA

U ma nafx għalfejn!

ANTON

(*Bla ebda intenzjoni*) Għalfejn!?... Biex ikun għamel bħal ħaddieħor...

VIRĠINJA

(*Li l-eżaltazzjoni tagħha ġġegħilha tifhem ħażin*) Jekk qiegħed talludi għall-papà tiegħi, hemm differenza enormi bejnu u bejn missieri.

ANTON

(*Sorpriż*) Virġinja, dan il-kliem kollu? Kif daħal il-papa tiegħek? Jien qatt inqast mir-rispett lill-papà tiegħek?

VIRĠINJA

Dan jonqos!

ANTON

Imma int donnu ġralek xi ħaġa. Forsi x-xiħ tiegħi qal xi kelma?... Dak, miskin, mhux bħalna, tieħux għalih... u jekk qallek xi ħaġa oqgħod żgura li ma kellu ebda intenzjoni li joffendik.

VIRĠINJA

Lili ma qalli xejn...

ANTON

Allura? Ma nafx kif qiegħed narak... Lanqas tgħid jiġi hawn ta' spiss jiksirlek rasek. Bid-darba fix-xahar li jiġi...

VIRĠINJA

U ma nafx għalfejn toqgħod taqilgħu mir-raħal għal dik ixxi ħaġa li tagħtih fix-xahar, meta tista' tibgħathielu.

ANTON

X'vuldiri? Li anqas tridu jiġi hawn jara lin-nepputija tiegħu u lili darba f'xahar? Fl-aħħar minn l-aħħar jiena ibnu...

VIRĠINJA

(*Sarkastika*) Ma nafx? Mhux *kulħadd* jaf?

ANTON

Barra minnek! Int biss donnok ma tafx li dak missieri.

(*igħolli ftit il-vuċi*) Ma dan mhux sewwa! Ma jidhirlix li dana sewwa!

VIRĠINJA

Tgħajjatx għax jisimgħuk minn barra.

ANTON

Jisimgħuni! Tibża' għax jisimgħuni? Tistħi mill-ġirien?

VIRĠINJA

*Jiena*? *Jiena* ma għandix għalfejn nistħi!

ANTON

U anqas *jiena* ma għandi għalfejn nistħi! Kultant, proprju, ma nafx x'jagħtik...

VIRĠINJA

(*Nervuża*) Anton, jagħtini li inti donnok ma tridx tifhimni.

ANTON

Jaqaw? Se nerġgħu nibdew bil-ħmerijiet tas-soltu?

VIRĠINJA

Ekku: dak li għalija hija l-iżjed ħaġa serja u li tinkwetani, inti ssejħilha ħmerijiet!

ANTON

Virġinja, nirraġunaw.. (*twajjeb mill-aktar*) Jiena persważ li inti tirrispettani; ejja nirraġunaw: inti taf li jiena ma nistax ingħid lil missieri biex ma jiġix jarani aktar u ma jarax lilek u lil Ninette... jekk ingħidlu hekk, jiena żgur li huwa ma jiġix aktar bla ma jasal biex jifhem il-għala... imma dan int ma għandekx tistennieh minni! Hux veru?

VIRĠINJA

Għaliex? Jekk huwa ma jeħodhiex b'offiża?

ANTON

U għaliex... għaliex... għax jien ma nħossx li għandi nagħmillu din l-azzjoni. Ilbes ftit il-libsa tiegħi; idħol fil-pożizzjoni tiegħi: xi tħoss kieku ngħidlek tgħid lill-papà tiegħek sabiex ma jiġix aktar hawnhekk?

VIRĠINJA

U x'għandu x'jaqsam? Hemm differenza enormi!

ANTON

(*Serju*) Virġinja, jiena ma nagħmel ebda differenza! (*Deċiż fi kliemu*) Jekk bejn it-tnejn hemm xi ħadd li għandu biex jif taħar, dan ix-xi ħadd huwa missieri!

VIRĠINJA

(*Bi tbissima qarsa*) Qiegħed titkellem bis-serjetà?

ANTON

(*Qawwi*) Bl-akbar serjetà! Nannuk kien avukat u għamel lil ibnu avukat... Maġistrat anzi... kellu min jirsistilu, kellu isem, kellu min jimbuttah, u missierek għallem lilek bla ebda tbatija, bla ebda sagrifiċċju... Missieri le, Virġinja, missieri le. Nannuwi ma kien xejn, missieri ma kien xejn, iżda għaraf jaħdem u jistinka, għaraf jisħar taħt id-dawl tal-lampa sabiex igħallimni, u flok għamilni bħalu, għamilni avukat...

VIRĠINJA

Is-solita storja...

ANTON

Is-solita storja li inti ġġagħalni nirripeti u li jien ma nistħix nirripetiha u li nibqa' nirripetiha għax inħoss li tagħmilli unur.

VIRĠINJA

Taħseb?

ANTON

(*Iżid dejjem*) Konvint. Konvintissimu!! U jeħtieġlek tifhem darba għal dejjem li sakemm missieri jibqa' ħaj jiena fiħsiebni nibqa' nagħtih dika l-imħabba u r-rispett kollu li jistħoqqlu...

VIRĠINJA

Jiena ma għidtlekx biex tonqsu mir-rispett.

ANTON

Iżda għidtli narmieh bħal lumija magħsura. Għidtli nagħlaqlu f'wiċċu l-bieb tad-dar tiegħi... imma jiena dana ma nagħmlux. Jiġri x'jiġri, jiena dana ma nagħmlux...

VIRĠINJA

Anton...

ANTON

U nispera li dina tkun l-aħħar darba li tkellimni fuq din l-affari. (*Jissokta*) Jiddispjaċini li ma għandix toroq x'nagħżel: ma għandix quddiemi ħlief triq waħda u fiħsiebni ngħaddi minnha... anki jekk int ma tridx, jien fiħsiebni ngħaddi minnha.

VIRĠINJA

Tinsiex almenu l-avvenir ta' bintek.

ANTON

Binti? L-avvenir tagħha nagħraf nassigurah bi kwalunkwe sagrifiċċju kif missieri, b'sagrifiċċji li ma bħalhom għaraf jas-

sigura l-avvenir tiegħi. Ninette għadha ċkejkna, iżda la tikber, irrid nispera li tkun rikonoxxenti lejn nannuha ta' Hal Safi daqs kemm tkun rikonoxxenti lejn nannuha l-Maġistrat. Il-lum Ninette għadha żgħira, hija għadha ma tafx tiddistingwi x'tiswa l-pupa sabiħa li ġibilha n-nannu tal-Belt u din (*jieħu f'idejh il-pupa ta' Ġilardu*) il-pupa l-oħra li ġibilha missieri. Iżda int imissek tifhem x'tiswa waħda u x'tiswa l-oħra. Il-fatt biss li qagħad jinqala' mir-raħal tiegħu, li forsi ċċaħħad minn xi ħaġa biex jixtrilha din il-pupa, igħallimna kemm imissna nġibulu rispett ilkoll kemm aħna...

VIRĠINJA

Forsi dik il-pupa ma kenitx ħlief skuża...

ANTON

(*Fl-aqwa*) Skuża? Xi trid tinsinwa? Tkellem! Xi trid tinsinwa? Dan huwa l-*grazzi* li tafu tagħtu lil min xtaq jurikom qalbu? Dan huwa l-*grazzi* tagħkom??? (*isabbat il-pupa ma' l-art*) Phhhu! Lanqas aħna denji nżommuha fid-dar tagħna!

*(Taqa' sikta perfetta — wara ftit jidħol Ġilardu mixxellug ma' Ninette, dejjem mgħannqa mal-pupa l-kbira.)*

ĠILARDU

(*Meta jara l-pupa mfarrka fl-art*) Ara... Din mhix il-pupa tiegħi? Xi ġralha? (*jitbaxxa biex jiġbor il-bċejjeċ*).

ANTON

(*Iżommu ftit bil-herra*) Erħilhom... Dak mhux xogħlok... Issa tiġborhom is-seftura.

ĠILARDU

Kif inkisret?

ANTON

(*Dimess*) Żelqitli minn idejja... tort tiegħi...

ĠILARDU

Ma kenitx bix-xorti... u ma nistax nixtrilha oħra malajr, malajr...

NINETTE

Tibżax, jiena għandi din tan-nannu Bert... dik ma kenitx sabiħa...

ĠILARDU

Iżda, dnub... jaħasra...

NINETTE

Jiena għandi din, Ġilardu...

ANTON

(*B'għajta*) Ġilardu!? Ġilardu!? Min huwa Ġilardu?

NINETTE

Dan ir-raġel...

ANTON

Dak in-nannu Ġilardu! Fhimtni? In-nannu Ġilardu!!! (*U kollu inkwetat imur iħares mit-tieqa*).

VIRĠINJA

(*Taqbad lil Ninette minn idha u ġġorrha magħha ġewwa mil-lemin*) Imxi ġewwa, għax il-lum ġejjin ħafna paroli żejda... (*titlaq*).

(*Pawsa ftit u xejn twila*)

ĠILARDU

(*Ikun baqa' bħal mibluh għax jibda jifhem li mħabba fih ġara xi ħaġa*) Ġara xi ħaġa?

ANTON

(*Ma jweġibx.*)

ĠILARDU

Forsi... imħabba fija......?

ANTON

(*Ma jweġibx.*)

ĠILARDU

Anton...

ANTON

(*Għalkemm għadu mdagħdagħ iżda bir-rispett kollu*) Għid-li, pà...

ĠILARDU

Jiena sejjer...

ANTON

(*Bil-ħatfa*) Jien ġej miegħek... (*jaħtaf il-coat u l-kappell*).

ĠILARDU

Miegħi fejn? Jiena minn hawn sejjer dritt ir-raħal tagħna...

ANTON

Niġi miegħek ir-raħal tagħna... Ngħaddi erbat ijiem miegħek għall-kwiet...

ĠILARDU

Ir-raħal tagħna? (*dejjem sinċier*) U Nina? U Virġinja? Jiena lanqas għandi fejn inraqqadkom.

ANTON

Waħdi... waħdi..

ĠILARDU

Waħdek? (*wara ftit*) Trid tiċċajta... Ibni, ir-raħal tagħna huwa tajjeb għalija li twelidt fih u bqajt fih... Meta wieħed joħ-

roġ minnu ma jkunx jista' jarġa' jgħix fih aktar. (*Jeħodlu l-kappell u l-coat minn idu u jpoġġihom fuq is-siġġu fejn kienu*) Ibni, int postok hawnhekka...

ANTON

(*Dimess*) Għandek raġun... (*jurih il-kanarin*) Ara dak il-kanarin f'dik il-gaġġa ċkejkna, ferħan, igħanni, minn għalih li d-dinja kollha tikkonsisti f'dik id-daqsxejn ta' gaġġa tiegħu; jekk joħroġ minnha huwa ma jkunx irid jarġa' jidħol ġewwa fiha... Għandek raġun, missier... Mur, mur... jiena nibqa' hawn...

ĠILARDU

Sellili għalihom...

ANTON

(*F'daqqa*) Pa, aqtagħli kurżità...

ĠILARDU

Għidli...

ANTON

Kemm kont infaqt f'dik il-pupa li nkisritli?

ĠILARDU

Infaqt li nfaqt...

ANTON

Kemm kont xtrajtha?

ĠILARDU

Għalfejn trif taf? Kont warrabt xi ħaġa ċkejkna milli tagħtini inti... Ma kenitx tiswa ħwejjeġ kbar...

ANTON

Għidli... għidli... Int għadek ma tistax tifhem x'tiswa għalija dik il-pupa...

ĠILARDU

U x'tiswa? Tmien xelini?

ANTON

(*Jagħtih nofs lira*) Ha... ħu din in-nofs lira: agħmilli pjaċir ixtrili oħra bħalha u ġibhieli hawn...

ĠILARDU

U dan għalfejn? Lanqas Nina ma riedet tħares lejha... Ma għandhiex dik tal-Maġistrat?

ANTON

Ixtrili oħra bħalha u ġibhieli għada...

ĠILARDU

La trid hekk... inti taf...

ANTON

U issa mur... Berikni.

ĠILARDU

Tkun imbierek... (*jitlaq mill-fond*).

ANTON

(*Jibqa' fin-nofs donnu statwa jħares ċass lejn il-frak tal-pupa. Wara ftit jiġbor il-bċejjeċ biċċa biċċa u jgħożżhom bħal ħaġa qaddisa, ipoġġihom fil-kaxxun ta' fuq ta' l-iskrivanija tiegħu. Ipoġġi bil-qiegħda fuq is-siġġu ta' l-iskrivanija u jibqa' jħares lejhom, kollu mbikkem, donnu qiegħed jadurahom.*)

NINETTE

(*Tidħol tiġri fuqu mibgħuta minn VIRĠINJA li tibqa' fuq il-bieb b'mod li ANTON ma jkunx jaraha.*)

NINETTE

Papà... papà...

ANTON

(*Jagħlaq bil-ħeffa l-kaxxun ta' l-iskrivanija u jpoġġi lil NINETTE fuq irkobbtejh*) Xi trid, ruħi?...

NINETTE

Papà, veru li għada int u l-mamà se toħorġu flimkien u tixtruli pupa kbira?

ANTON

Pupa? Ma għandekx waħda? Ma għandekx dik tan-nannu Bert?

NINETTE

Le... Il-mamà tatha lil Pawlina biex tagħtiha lit-tfal tas-Sorijiet...

ANTON

Veru? (*sorpriż u ferħan*) Il-mamà tatha lil Pawlina biex tagħtiha lit-tfal foqra tas-Sorijiet?

NINETTE

Iva...

ANTON

U l-mamà fejnha? (*idur u jilmaħ lil Virġinja—iqum, imur jiġri għal fuqha biex igħannaqha*) Virġinja... Virġinja...

**SIPARJU.**